

32004D0671

5.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 307/5

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-8 ta' Ġunju 2004****li taħtar membru supplenti Ġermaniż tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2004/671/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

- (1) fit-22 ta' Jannar 2002 ⁽¹⁾ il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni,
- (2) post bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sinjur Rolf BÖHME, notifikata lill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2003,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Is-Sinjura Bärbel DIECKMANN, Oberbürgermeisterin, Bonn, hi hawnhekk maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni flok is-Sinjur Rolf BÖHME għal bqija tal-mandat tiegħu li jkompli sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussell, fit-8 ta' Ġunju 2004

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. McDOWELL

(¹) ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.